

Brussell, 15 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11989/26

ENT 200
MI 793
IND 493
COMPET 968
TRANS 508
ENV 960
DELECT 118

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3147 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'13.7.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-emissjonijiet għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet, il-potenza tas-sistemi tal-vettura elettrika, awtonomija elettrika tal-vettura f'temperatura baxxa ta' vetturi prodotti f'serje illimitata u vetturi bi skop speċjali, u li jaġġorna l-lista ta' Regolamenti tan-NU rikonoxxuti bħala alternattivi fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 3147 final.

Mehmuż: C(2026) 3147 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
C(2026) 3147 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'13.7.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-emissjonijiet għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet, il-potenza tas-sistemi tal-vettura elettrika, awtonomija elettrika tal-vettura f'temperatura baxxa ta' vetturi prodotti f'serje illimitata u vetturi bi skop speċjali, u li jaġġorna l-lista ta' Regolamenti tan-NU rikonoxxuti bħala alternattivi fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 sabiex jitqiesu l-aħħar żviluppi tekniċi u regolatorji fil-livell tal-Unjoni u fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE).

F'dan ir-rigward, il-lista tar-rekwiżiti applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa għal vetturi prodotti f'serje illimitata kif stabbilit fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 hija kkomplementata biex tinkludi l-elementi li ġejjin:

- (1) Referenza għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Euro 7 (UE) 2025/1706¹, fir-rigward tal-vetturi ħfief u tar-rekwiżiti tad-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi, il-medda tal-vetturi elettriċi (EV) f'temperatura baxxa u r-rekwiżiti tal-potenza tas-sistema tal-vetturi elettriċi (EV) stabbiliti fih.
- (2) Referenza għar-Regolament ta' Implimentazzjoni Euro 7 (UE) C(2026) 5250² fir-rigward tar-rekwiżiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet u tal-vetturi ħfief stabbiliti fih.

Dan ir-Regolament jaġġorna wkoll it-tabella fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 li telenka r-Regolamenti tan-NU u l-verżjonijiet rispettivi tagħhom li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Is-suġġetti koperti mir-Regolament Euro 7 u l-atti regolatorji tat-tieni fażi ta' implimentazzjoni tiegħu fir-rigward tal-vetturi ħfief huma inklużi fil-Parti III tal-Anness II biex jippermettu l-possibbiltà li jiġu approvati vetturi bi skop speċjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-tnejn ta' dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur li saru fit-3 ta' Diċembru 2025 u fil-25 ta' Marzu 2026, fejn l-abbozz kellu appoġġ ġenerali. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri - Vetturi bil-Mutur (MSEG-MV) li saret fit-28 ta' April 2026.

F'konformità mar-regoli għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal "Semma' lehnex" għal perjodu ta' feedback ta' erba' ġimgħat bejn l-20 ta' Marzu 2026 u s-17 ta' April 2026. B'kolloxx, 10 partijiet ikkonċernati taw feedback. Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kummenti kollha li waslulha u ħadet nota tagħhom.

¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L, 2025/1706, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1706/oj)

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) C(2026) 5250 ta' XXX li jistabbilixxi regoli, proċeduri, metodoloġiji ta' ttestjar u rekwiżiti amministrattivi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet ta' vetturi bil-mutur tal-kategoriji M₁ u N₁ (ĠU L ..., ..., 2026) [Referenza tal-ĠU għar-Regolament (UE) C(2026) 5250 tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet]

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan ir-Regolament hija l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 41(5) u l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) 2018/858.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'13.7.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-emissjonijiet għad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet, il-potenza tas-sistemi tal-vettura elettrika, awtonomija elettrika tal-vettura f'temperatura baxxa ta' vetturi prodotti f'serje illimitata u vetturi bi skop speċjali, u li jaġġorna l-lista ta' Regolamenti tan-NU rikonoxxuti bħala alternattivi fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3), 41(5) u 57(2) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tabella fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 fiha lista ta' atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa ta' vetturi prodotti f'serje illimitata. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi, speċifikament fir-rigward tal-medda tal-vetturi elettriki fid-determinazzjoni fil-laboratorju u tal-potenza, kif ukoll il-kejl u l-ittestjar tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet u l-kejl u l-ittestjar tal-prestazzjoni minima tal-batterija fil-vettura, u l-iżviluppi regolatorji, jiġifieri l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706² u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707³, huwa meħtieġ li jiżdiedu fihom referenzi għar-Regolamenti rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi Euro 7.

¹ ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli, proċeduri u metodoloġiji tal-ittestjar għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L, 2025/1706, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1706/oj).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1707 tal-25 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodi, ta' rekwiżiti u ta' testijiet speċifiċi, inklużi l-limiti tal-konformità, għall-apparati OBFCM u għas-sistemi OBM, il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodi sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim tagħhom, il-format u d-data tal-EVP u l-metodi ta' komunikazzjoni tad-data tal-EVP tal-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M1 u N1 (ĠU L, 2025/90817, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1707/oj).

- (2) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi Euro 7 huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Barra minn hekk, ir-regoli, il-proċeduri u l-metodoloġiji tal-ittestjar fir-rigward tad-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, il-medda tal-vetturi elettriki (EV) f'temperatura baxxa, l-approvazzjoni tat-tip tal-potenza tas-sistema tal-vettura elettrika (EV) u tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet tal-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ huma stabbiliti fir-Regolamenti tan-NU Nru 83⁵, 154⁶, 177⁷ u 179⁸, li ġew approvati f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE⁹. Għaldaqstant, u biex tkun żgurata l-konsistenza tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, jenħtieġ li l-lista tal-atti regolatorji fit-tabella fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 tiġi kkomplementata biex tkopri dawk ir-rekwiżiti rispettivi għall-vetturi Euro 7.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2161¹⁰ jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi tal-apparat għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-kilometraġġ ta' ċerti vetturi heavy-duty, u għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tat-tagħbija utli jew tal-piż totali tagħhom. Jeħtieġ li l-lista tal-atti regolatorji fit-tabella fil-Partijiet I u III tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 tiġi kkomplementata biex tkopri wkoll ir-rekwiżiti rispettivi għall-vetturi tqal Euro VI.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>).

⁵ Ir-Regolament tan-NU Nru 83 – Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna ĠU L, 2025/1706, 5.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1706/oj

⁶ Ir-Regolament Nru 154 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP) (ĠU L, 2026/1130, 26.6.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1130/oj>)

⁷ Ir-Regolament tan-NU Nru 177 - Dispożizzjonijiet uniformi dwar id-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema ta' vetturi elettriki ibridi u ta' vetturi purament elettriki li għandhom aktar minn magna elettrika waħda għall-propulsjoni [2025/1910] (ĠU L, 2025/1910, 26.9.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1910/oj>)

⁸ Ir-Regolament tan-NU Nru 179 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi ħfief fir-rigward tal-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejk [2026/1044] (ĠU L, 2026/1044, 18.5.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1044/oj>)

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-addożzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu ikunu iffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (Ftehim Rivedut ta' l-1958) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78 ; ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1997/836/oj>).

¹⁰ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2161 tas-27 ta' Ottubru 2025 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti tekniċi tal-apparat għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-kilometraġġ ta' ċerti vetturi heavy-duty, u għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tat-tagħbija utli jew tal-piż totali tagħhom (ĠU L, 2025/2161, 31.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2161/oj)

- (4) L-entrati li huma introdotti fl-Anness II, il-Parti I tar-Regolament (UE) 2018/858 rigward il-prestazzjoni ambjentali u l-emissjonijiet jenħtieġ li japplikaw għal vetturi tal-kategorija M₁ u N₁ kif ukoll għall-vetturi “Euro 7ext”. Dan se jiżgura li l-atti regolatorji u r-rekwiżiti tekniċi rigward it-testijiet b’temperatura baxxa għall-medda ta’ vetturi elettriċi (EV) fil-laboratorji, id-determinazzjoni tal-potenza tas-sistema tal-vettura elettrika, id-durabbiltà tal-batterija fil-vettura, u l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet jiġu rrispettati, u li t-tipi ta’ vetturi msemmija hawn fuq jiksbu l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta’ vettura sħiħa kif xieraq.
- (5) It-tabella fil-Parti II tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 telenka r-Regolamenti tan-NU u s-serje ta’ emendi rispettivi tagħhom li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Dik it-tabella jenħtieġ li tiġi aġġornata biex tqis l-iżviluppi regolatorji fil-livell tan-NU/KEE u biex b’hekk tinkludi referenzi għar-Regolamenti tan-NU Nri 83, 154, 177 u 179 fihom.
- (6) It-tabelli stabbiliti fl-Appendiċijiet 1 sa 6 tal-Parti III tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 fihom listi ta’ atti regolatorji li jstabbilixxu r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bi skop speċjali. Biex tkun permessa l-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura sħiħa tal-UE ta’ vetturi bi skop speċjali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti rispettivi għall-vetturi Euro 7 għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ u għall-vetturi Euro7ext u li l-lista ta’ atti regolatorji f’dawk it-tabelli tiġi kkumplementata.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/858 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f’konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN